**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-25 ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru : 190/2020 JPG**

**Kawza Numru : 42**

**DE**

**Vs**

**SA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' DE, datat 26 ta' Gunju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illi l-partijiet izzewgu f' Malta fil- knisja ta' San Bastjan, Ħal- Qormi, nhar il- wieħed u tletin (31) ta' Marzu, tas- sena elfejn u sitta (2006) u ż- żwieġ tagħhom ġie reġistrat fir- Reġistru Pubbliku ta' Malta bin- numru: wieħed sebgħa ħamsa tas- sena elfejn u sitta (175/2006), hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A'.*
>
> *Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt ta' separazzjoni bonarja li ġie ffirmat quddiem in- Nutar Pubbliku Dottor Tonio Cauchi, nhar 29 ta' Lulju elfejn u tmienja (2008) li jġib in- numru ta' reġistrazzjoni Ins. 12421/2008 u li ġie insinwat nhar it- tmienja ta' Awwissu elfejn u tmienja (2008); hawn anness u mmarkat Dok 'B'.*

*Il-partijiet qablu li huma ilhom separati de jure sa mill- 2008 u ghaldaqstant ilhom aktar minn seba' (7)snin separati.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li l-partijiet ilhom seba'snin mifrudin.*

*Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fil- wieħed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) bejn il-partijiet, liema żwieġ ġie reġistrat fir-reġistru pubbliku ta' Malta bin- numru wieħed sebgha hamsa tas- sena elfejn u sitta (175/2006);*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' SA, datata 1 ta' Ottubru 2020, li taqra hekk:

*Illi hi ma topponix ghat-talba ghall-pronunzjament ta' divorzju minn mal-attur, kif mitlub fir-rikors gurament.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021, il-Qorti iddikjarat maghluqa l-provi tal-intimata (vide fol 25);

**Ikkonsidrat:**

**DE** xehed viva voce, a fol 18, illi huwa zzewweg lill-intimata nhar il-31 ta' Marzu 2006 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Ikkonferma illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni nhar id-29 ta' Lulju 2008. Xehed illi wara l-ewwel ftit xhur mis-separazzjoni kien hemm avvicinament bejn il-partijiet, izda mbaghad regghu qatghu l-kuntatt, u ilhom ghal madwar ghaxar snin ma jiltaqghu. Finalment sostna illi bejniethom ma kienx hemm manteniment dovut u ma hemm ebda arretrati.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih***

*preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Marzu 2006, liema zwieg jgib c-certifikat numru 258/2006 (vide certifikat taz-zwieg Dok A, a fol 10[1]). Di piu', jirrizulta wkoll illi ma kienx hemm ulied minn dan iz-zwieg.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi, datat 29 ta' Lulju 2008 (vide Dok. DE1 fol 21 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib c-certifikat numru 258/2006 u tordna lir-Registratur**

[11] U mhux 175/2006, kif indikat fir-rikors promotur.

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**